MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 492/2011

**Appell Nru. 492/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Micallef)**
**Vs**
**Anthony Alexander Mallia**

**Illum 17 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 92272 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-27 ta' Novembru, 2006, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, ghall-habta tat-3.00pm:

1. Volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar t'abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, jew materjal li jaqbad li b'xi mod seta' qabbad il-

hruq lil bini jew lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuni waqt il-hruq;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara lill-proprjeta' tal-Gvern ta' Malta, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' 2nd SM 907 Raymond Zammit, PS 634 Wilfred Imbroll, PC 492 Melchoir Micallef, u PC 754 Josef Camilleri waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

4. U aktar talli gewwa Rue D'Argens, fil-Gzira, ghall-habta tas-1.30pm, hedded jew ingurja, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 1268, PS 1136, u PC 648, nies inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qeghdin jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli huwa recidiv fuq diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Otturbu, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 325, 221, 95, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u wara li rat ukoll l-artikolu 17 tal-istess Kapitolu kkundannatu ghal piena ta' sena (1) habs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha fejn din ma sabitux hati ta' l-ewwel akkuza u sabitu hati ta' l-ahhar tlett akkuzi u tvarjaha fejn sabitu hati tat-tieni akkuza u minnu tilliberah u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-esponent qatt ma seta nstab hati tat-tieni akkuza peress li huwa palesi fil-gurisprudenza nostrali li l-artikolu 325 tal-Kap. 9 dwar hsara volontarja japplika ghal kollox hlief ghal hsara derevanti mill-hruq.
2. Il-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi f'dan is-sens jinghad li jidher li l-Ewwel Qorti m'applikatx il-provedimenti tal-artikolu 29 tal-Kap. 9 minhabba l-adebit tar-recediva. Illi pero` l-unika sentenza applikabbli fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kienet titratta dwar reati ta' traffiku.

Illi minhabba f'dan ghalhekk u anke a tenur tal-predispost tal-artikolu 52 tal-Kodici Kriminali naraw li s-sentenza indikata ma tghoddx ghal finijiet ta' recediva u ghalhekk il-Qorti setghet tapplika liberament l-providementi tal-artikolu 28 tal-Kap. 9.

Illi inoltre dan il-kaz jirrisali ghal hames snin ilu meta l-imputat kien qed ibati minn problemi personali u psikologici kbar. Jidher f'dan l-isfond li l-incident gie xprunat tista` tghid mill-hsieb ta' l-istess imputat li jikkommetti suwicidju.

Tenendo kont dawn ic-cirkostanzi, aktar minn piena l-esponent kien jimmerita ghajnuna.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elfejn u sitta (2006) ghal habta tat-tlieta ta' filghaxija (3.00 p.m.) l-appellant kien qieghed jaghmel storbju gewwa l-Backman's Bar illi hemm il-Gzira. U Luana Cilia, sid il-fond, cemplet lill-pulizija biex jinzlu ghall-appellant. Meta l-pulizija waslu fil-fond l-appellant kien aggressiv maghhom; ma bediex jobdi l-ordnijiet taghhom tant illi spiccaw biex arrestawh u haduh fic-cella

tal-ghassa ta’ tas-Sliema. Hin minnhom ta n-nar lic-cella tieghu illi tant ikkawza duhhan illi numru ta’ pulizija kellhom jittiehdu l-isptar sabiex jiddewwew wara d-duhhan illi belghu. Ghalhekk tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi.

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta’April tal-elfejn u hdax (2011) (fol 208) l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u fis-sentenza tas-sittax (16) ta’ Novembru tal-elfejn u hdax (2011) (fol 223) l-Qorti kkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha fuq zewg binarji – wahda illi peress li gie liberat mill-ewwel akkuza allura ma setax jigi misjub hati tal-hsara volontarja u t-tieni illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel aggravju l-Qorti tibda biex tirreferi ghar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (fol 171) fejn dan indika lill-Qorti illi setghet tinstab htija fil-kuntest tal-artikolu 325, 221, 95, 49 u 50. Dan ir-rinviju ma jsemmi xejn dwar l-artikolu 316 tal-Kodici Kriminali illi jitratta dwar hruq fil-prezenza ta’ persuni. Ghalhekk minkejja l-ammissjoni tal-appellant il-Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-ewwel akkuza izda, ddikjarat illi qieghda ssib htija u kkwotat l-artikoli illi kkwota l-Avukat Generali fir-rinviju tieghu minghajr ir-referenza ghall-art. 316. Ghalhekk la l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni hija skont il-ligi, l-ewwel Qorti kellha ssib htija fuq it-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuzi.

Ma setghetx, però, issibu hati tal-hames akkuza peress illi r-reati addebitati f’dik l-akkuza kienu jikkoncernaw regolamenti tat-traffiku u ghalhekk skont id-dispost tal-artikolu 52 tal-Kap. 9 dawn ma kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tar-recidiva. U hawnhekk l-argument tal-appellant jisthoqq illi jkun milhuq.

Mhux l-istess, però, ghall-bqija tal-aggravji tieghu. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tal-elf disa' mija hamsa u disghin (1995) intqal, "Fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, ammenoche ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-ligi tikkundannah, cioé ssibu hati ta' reat."

L-ewwel Qorti ma ghamlet xejn hlief ghaddiet ghall-kundanna tal-appellant wara l-ammissjoni tieghu u kkundannatu fuq dawk ir-reati illi l-Avukat Generali indika illi setghet tinstab htija. Minkejja illi m'ghamlet l-ebda dikjarazzjoni rigward l-ewwel akkuza, l-ewwel Qorti messha almenu ddikjarat li qed tastjeni li tiehu konjizzjoni taghha. Però b'daqshekk ma jfissirx illi s-sentenza fiha xi difett illi jista' jwassal ghal xi sanzjoni fuq l-istess sentenza.

Ghal dawn il-motivi,  l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet htija fl-akkuzi intestati "2", "3" u "4"; tirrevokaha fejn sabet htija fuq l-akkuzi intestati "1 u 5", u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' dawn l-akkuzi, u tirriformaha ukoll ghal dak illi jirrigwarda l-piena u flok prigunerija ta' zmien sena tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ta' hdax-il (11) xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------